375

**Il-Ministru għall-Edukazzjoni u Xogħol jipproponi:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti proprjetajiet lil Clubs u Assoċjazzjonijiet b'titlu ta' kera jew ċens temporanju, il-proprjetajiet kif inhuma deskritti aħjar fl-abbozzi ta' ftehim imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, bil-kera jew ċens, u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozzi;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferimenti fuq imsemmija jsiru skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi:

Il-proprjetajiet li jinsabu:

**1.Santa Lucija Football Club**

**2.The Rebel Riders Malta**

**3.Malta Judo Foundation**

**4. Hal Far Model Flying Association**

**5. Fgura United Football Club**

Kif deskritti ahjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu fuq il-Mejda tal-Kamra jigu maghtija b'titolu ta' kera jew cens temporanju lill-Clubs u Assocjazzjonijiet imsemmija ghaz-zmien, ghall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

13.06.2016

[signature]